MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1627/2003

**Raymond Autodealer Limited**

**vs**

**Paul u Rita konjugi Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Awissu, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tnejn u tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm375) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovut in konnessjoni ma' bejgh ta' vettura tal-marka FIAT 131 bin-numru ta' registrazzjoni EAA 235 li giet mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenuti u li baghqet ma thallsitx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra bonarja datata 12 ta' Frar 2002 u ta'l-ittra ufficjali datata 11 ta' Marzu 2002 u bl-imghaxijiet mid-data ta'l-iskrittura privata, cioe' mit-8 ta'

Awissu 1998 kontra l-konvenuti li huma ingunti in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherx la fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm375), bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Awissu 1998.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-11 ta' Marzu 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------